MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Numru. 38/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**
**Vs**

**CARMELO ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMELO ATTARD** ta’ 72 sena, bin Antonio u Maria nee Schembri imwieled Victoria fis-26 ta’ Marzu, 1932 u joqghod, “White Lily”, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 25732G gie mressaq quddiemha akkuzat talli;

Fil-25 ta’ Marzu, 2004 ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghodu, f’Ghajnsielem, Ghawdex, volontarjament hassar u ghamel hsara, jew gharraq karozza bin-numru ta’ registrazzjoni CBD 053, ghad-dannu ta’ Donald Camilleri mix-Xaghra,

Ghawdex, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta’ Ottubru, 2004 esebit fl-atti a fol 8 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-esami li sarlu skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a fol 17 tal-process.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe` lil PS 1377 John Cilia, John Pace, Donald Camilleri  u lill-imputat jixhed minn jeddu b’mod volontarju fis-seduta tat-12 ta’ April, 2005.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrat fis-seduta tat-12 ta’ April, 2004 u dan wara li l-partijiet kienu iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnax ta’ April, 2005.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni tal-imputat dwar l-akkuza mghotija lilu, il-fatt illi huwa ghamel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-vittma Donald Camilleri tant li l-istess Donald Camilleri qal li ma kellux interess fl-esitu tal-proceduri u li kien sodisfatt bil-pagament li huwa rcieva minghand l-imputat u b’hekk is-socjeta` illum ma soffriet l-ebda danni materjali.

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li huwa ghandu biss ftit kontravenzjonijiet ta’ natura negligibbli.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat CARMELO ATTARD hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu pero minhabba c-cirkostanzi fuq imsemmija tiddeciedi li tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ tmintax il-xahar mill-llum u dan ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------